# Gazzetta tal-Gvern ta' Malta

## The Malta Government Gazette

PUBBLIKATA B'AWTORITA' — PUBLISHED BY AUTHORITY

14,522

It-Tlieta, 31 ta' Diċembru, 1985
Tuesday, 31st December, 1985

Prezz 6c
Price 6c

## NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

**Nru. 748**

### ATT TA' L-1981 DWAR IR-REĠISTRAZZJONI TA' ARTIJIET

**Avviż li hemm il-ħsieb li Titoli ta' Art jiġu Irreġistrati**

B'DAN qed navża li jien irċevejt l-applikazzjonijiet li ġejjin għar-reġistrazzjoni ta' titoli ta' art deskritti hawn taħt minn:—

(1) ISEM L-APPLIKANT
Saviour Brincat, Karta ta' Identità Nru. 731128 (M) li joqgħod Santa Lucia.

*Deskrizzjoni ta' l-Art li se tiġi Reġistrata*

Art f'Ħ'Attard tal-kejl ta' mitejn tnejn u tmenin metru kwadru (282m²), kif murija fil-pjanta annessa ma' l-applikazzjoni.
(L.R.A. 1325/85)

L-applikazzjonijiet, pjanti ta' l-art u d-dokumenti preżentati magħhom jistgħu jiġu eżaminati fir-Reġistru ta' l-Artijiet, 116, Triq il-Punent, Valletta.

Jekk ma tiġix depożitata miegħi (fir-Reġistru ta' l-Artijiet) kawżjoni kontra l-ewwel reġistrazzjoni qabel ma jgħaddu tletin (30) jum minn din id-data jien nipproċedi billi nirreġistra t-titoli ta' l-art. Fi żmien qasir jinħareġ ċertifikat ta' titolu f'isem l-applikanti msemmija hawn fuq.

Dott. Godwin Grima, LL.D.
*Asst/Reġistratur ta' l-Artijiet*

Il-31 ta' Diċembru, 1985

## GOVERNMENT NOTICES

**No. 748**

### LAND REGISTRATION ACT, 1981

**Notice of intention to Register Titles to Land**

NOTICE is hereby given that I have received the following applications to register titles to land described below from:—

(1) APPLICANT'S NAME
Saviour Brincat, Identity Card No. 731128 (M), residing at Santa Lucia.

*Description of Land to be Registered*

Land at Attard measuring two hundred and eighty-two square metres (282m²), as shown on the plan annexed to the application.

The applications, plans of the land and accompanying documents may be inspected at the Land Registry, 116, West Street, Valletta.

If a caution against first registration is not lodged with me (at the Land Registry) before the expiration of thirty (30) days from the date of this notice, I shall proceed to register the titles to the land. In due course a certificate of title shall be issued in the above mentioned applicants' names.

Dr. Godwin Grima, LL.D.,
*Asst/Land Registrar*

31st December, 1985

Nru. 749

KARIGI PENSJONABBLI

BIS-SAĦĦA tal-poteri mogħtijin bl-Artiklu 2 ta' l-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet (Kapitolu 143), il-President ta' Malta iddikjarat il-postijiet imsemmija hawn taħt bħala karigi pensjonabbli għal dawk biss li qegħdin jokkupaw din il-kariga b'seħħ mid-data murija ħdejn isimhom.

No. 749

PENSIONABLE POSTS

IN exercise of the powers conferred by Section 2 of the Pensions Ordinance (Chapter 143), the President of Malta has declared the undermentioned posts to be pensionable offices to the present holders only with effect from the date shown against their name.

| ISEM<br>*NAME* | GRAD<br>*GRADE* | DIPARTIMENT<br>*DEPARTMENT* | DATA<br>DATE |
|---|---|---|---|
| Joseph Gauci | Health Attendant<br>*Health Attendant* | Saħħa<br>*Health* | 24.12.85 |
| Francis Spiteri | do. | do. | 25.12.85 |

Il-31 ta' Diċembru, 1985

31st December, 1985

L-OGĦLA PREZZIJIET TA' ĦXEJJEX U FROTT FRISK

*(Regolamenti ta' l-1952 dwar il-Bejgħ ta' Prodotti Agrikoli)*

**Ordni Nru. 198**

Id-Direttur tal-Kummerċ igħarraf illi l-ogħla prezzijiet li bihom ħxejjex u frott prodotti lokalment jistgħu jinbiegħu lill-konsumatur, għandhom, b'seħħ mis-2.00 p.m. ta' nhar it-Tnejn, it-30 ta' Diċembru, 1985, u sakemm joħroġ Ordni ieħor, ikunu kif ġej:—

MAXIMUM PRICES OF FRESH VEGETABLES AND FRUIT

*(Agricultural Produce (Marketing) Regulations, 1952)*

**Order No. 198**

The Director of Trade notifies that the maximum prices at which the following locally produced vegetables and fruit may be sold to the consumer, shall, with effect from 2.00 p.m. on Monday, 30th December, 1985, and until further Order, be as follows:—

| S.I.T.C. Nru.<br>*S.I.T.C. No.* | Oġġett<br>*Item* | Piż<br>*Unit* | Lill-Konsumatur<br>*To Consumer* |
|---|---|---|---|
| 054599 | Ħass (twil)<br>*Lettuce* | kull kg<br>*per kg* | 13c0 |
| 054599 | Pastard (*snowball*) bil-weraq<br>*Cauliflowers (snowball) untrimmed* | kull kg<br>*per kg* | 16c0 |
| 054599 | Pastard (imqaċċat)<br>*Cauliflowers (trimmed)* | kull kg<br>*per kg* | 16c0 |
| 054599 | Karrotti (imqaċċta)<br>*Carrots (trimmed)* | kull kg<br>*per kg* | 18c0 |
| 054599 | Basal (imqaċċat)<br>*Onions (trimmed)* | kull kg<br>*per kg* | 10c0 |
| 054599 | Tadam<br>*Tomatoes* | kull kg<br>*per kg* | 35c0 |

| SITC Nru. / *SITC No.* | Oġġett / *Item* | Piż / *Unit* | Lill-Konsumatur / *To Consumer* |
|---|---|---|---|
| 054599 | Qara' Aħmar / *Pumpkins* | kull kg / *per kg* | 11c0 |
| 054599 | Kaboċċi / *Cabbages* | kull kg / *per kg* | 11c0 |

L-Ordni tal-Prezzijiet Nru. 15 tal-25 ta' Frar, 1983, ma japplikax għall-frott frisk u ħxejjex prodotti lokalment li mhumiex fil-lista ta' hawn fuq.

L-Ordni tal-Prezzijiet Nru. 197 tat-Tlieta, l-24 ta' Diċembru, 1985, huwa b'dan imħassar.

Il-31 ta' Diċembru, 1985

Price Order No. 15 of 25th February, 1983, shall not apply to items of locally produced fresh fruits and vegetables not listed above.

Price Order No. 197 of Tuesday, 24th December, 1985, is hereby repealed.

31st December, 1985

---

## L-OGĦLA PREZZIJIET TA' VETTURI BIL-MUTUR

*(Regolamenti ta' l-1972 dwar il-Kontroll tal-Bejgħ ta' Oġġetti, Regolament 3)*

**Ordni Nru. 199**

Id-Direttur tal-Kummerċ igħarraf illi l-ogħla prezzijiet li bihom it-tipi ta' vetturi bil-mutur li ġejjin jistgħu jinbiegħu, għandhom ikunu kif ġej:—

## MAXIMUM PRICES OF MOTOR VEHICLES

*(Sale of Commodities (Control) Regulations, 1972, Regulation 3)*

**Order No. 199**

The Director of Trade notifies that the maximum prices at which the following types of motor vehicles may be sold, shall be as follows:—

| Tip / *Type* | Nru. tax-Chassis / *Chassis No.* | Prezz lill-Pubbliku / *Price to Public* Lm |
|---|---|---|
| MERCEDES | | |
| 190 D | WDB201122.2F.165703 | 8491 |
| 190 D | WDB201122.2F.165347 | 9786 |
| 200 | WDB124020.2A.137274 | 11698 |
| 200 | WDB124020.2A.137649 | 10092 |
| 200 D | WDB124120.2A.142272 | 10658 |
| 200 | WDB124020.2A.135751 | 11664 |
| 200 | WDB124020.2A.139470 | 13095 |
| 200 | WDB124020.2A.137577 | 10726 |
| 190 D | WDB201122.2F.168985 | 10041 |
| 190E | WDB201024.2F.171957 | 8883 |
| PEUGEOT | | |
| 505GR Break 1971cc Estate with air conditioning unit | 1886893 | 7711 |
| B.M.W. | | |
| 316 4 door | WBAAC520400548148 | 5171 |
| 316 4 door | WBAAC520300548030 | 5659 |
| 320I 4 door | WBAAD320400504541 | 7786 |

L-Ordnijiet kollha ta' qabel li ma jaqblux ma' ta' hawn fuq huma b'dan imħassrin.

Il-31 ta' Diċembru, 1985
(DT 3/4/88)
(SITC No. 732110)

All previous Orders inconsistent with the above are hereby repealed.

31st December, 1985

## DIPARTIMENT TAL-KUMMERĊ

**Delegazzjonijiet Kummerċjali miċ-Ċekoslovakkja**

Id-Dipartiment tal-Kummerċ igħarraf illi Delegazzjonijiet Kummerċjali miċ-Ċekoslovakkja se jżuru Malta fi Frar, 1986, biex jiltaqgħu u jikkonkludu negozjati ma' importaturi Maltin interessati.

L-għan ta' din iż-żjara huwa li jitkattar il-kummerċ bejn iż-żewġ pajjiżi u għalhekk id-Dipartiment tal-Kummerċ huwa lest li jestendi kull għajnuna possibbli u li jipprovdi l-faċilitajiet kollha neċessarji biex l-importaturi lokali interessati jiltaqgħu mad-delegazzjonijiet.

Id-Dipartiment tal-Kummerċ se jorganizza laqgħat preliminarji bejn in-negozjanti lokali u dawk Ċekoslovakki biex iż-żewġ naħat isiru jafu lil xulxin u biex jiddiskutu kif jistgħu jiżviluppaw ir-relazzjonijiet kummerċjali ta' bejniethom.

Il-prodotti li d-delegazzjonijiet Ċekoslovakki se jippruvaw ibiegħu fis-suq lokali jinkludu fost affarijiet oħra dawn li ġejjin:—

— *precision engineering instruments*
— *loudspeakers*
— *public address systems*
— makni ta' l-uffiċċju u ta' l-istampar
— tagħmir tal-laboratorju
— it-tipi kollha ta' *meters*
— *components* elettroniċi
— tipi varji ta' bozoz għal użu fid-dar, karozzi u użu ieħor
— *forklifts* u *handling storage equipment* ieħor, *elevators, balances* u *weighing machines, boilers* u *burners*
— makni għal ġarr ta' materjal, *loaders,* rombli, tagħmir għal bini u *mixers* tal-konkos
— *units* u tagħmir għas-sħana, ventilazzjoni u *air-conditioning*
— makni tal-*welding*
— apparat ta' l-elettriku, strumenti u *transformers.*

Importaturi interessati huma għalhekk mitluba biex jikkuntattjaw lid-Dipartiment tal-Kummerċ mhux aktar tard mill-31 ta' Jannar, 1986, biex ikunu jistgħu jsiru l-arranġamenti meħtieġa għalihom biex jiltaqgħu mad-Delegazzjonijiet Ċekoslovakki.

Il-31 ta' Diċembru, 1985

## DEPARTMENT OF TRADE

**Czechoslovak Trade Delegations**

The Department of Trade notifies that Commercial Delegations from Czechoslovakia will be visiting Malta in February, 1986, to meet and conclude business with interested Maltese importers.

The aim of this visit is to increase trade exchanges between the two countries and the Department of Trade is therefore prepared to extend all possible assistance and to provide all necessary facilities for interested local importers to meet these delegations.

Preliminary meetings between the Czechoslovak and local businessmen will be organised by the Department of Trade to enable both parties to get to know each other and to discuss ways and means of developing their trading relations.

The products which the Czechoslovak Delegations will be endeavouring to promote on the local market include among other items the following:—

— precision engineering instruments
— loudspeakers
— public address systems
— office and printing machines
— laboratory equipment
— all types of meters
— electronic components
— various types of lamps for household, motor car and other use
— forklifts and other handling and storage equipment, elevators, balances and weighing machines, boilers and burners
— earth-moving machines, loaders, rollers, equipment for building and concrete mixers
— heating, ventilating and air-conditioning units and equipment
— welding machines
— electrical apparatus, instruments and transformers.

Interested importers are therefore requested to inform the Department of Trade of their intentions by not later than 31st January, 1986, so that arrangements could be made for them to meet the Czechoslovak Delegations.

31st December, 1985

## SCHOOL OF HOTEL, CATERING AND TOURISM STUDIES

### Applikazzjonijiet Għal Għalliema 'Part-Time'

L-Assistent Segretarju Prinċipali, Ministeru tat-Turiżmu, Harper Lane, il-Furjana, jilqa' applikazzjonijiet mingħand persuni bl-esperjenza industrijali u/jew ta' tagħlim relevanti biex jgħallmu s-suġġetti li ġejjin: —

*Hotel Planning* u *Maintenance*

*Hotel Law*

*Typing*

f'li *School of Hotel, Catering and Tourism Studies,* fuq bażi *part-time* matul is-sena akkademika 1985/86.

Aktar tagħrif jista' jinkiseb mill-Uffiċċju ta' l-Aġent Kap ta' l-Iskola fiċ-Ċentru tal-Mediterran għall-Kungressi, matul il-ħinijiet ta' l-iskola.

L-applikazzjonijiet jintlaqgħu sas-1.00 p.m. tal-Ġimgħa, is-17 ta' Jannar, 1986.

Il-31 ta' Diċembru, 1985

## SCHOOL OF HOTEL, CATERING AND TOURISM STUDIES

### Applications for Part-Time Teachers

The Principal Assistant Secretary, Ministry of Tourism, Harper Lane, Floriana, will receive applications from persons with the relevant industrial and/or teaching experience to teach the following subjects: —

Hotel Planning and Maintenance

Hotel Law

Typing

at the School of Hotel, Catering and Tourism Studies, on a part-time basis during the academic year 1985/86.

Further information may be obtained from the office of the Acting Principal of the School at the Mediterranean Congress Centre, during school hours.

Applications will be received up to 1.00 p.m. on Friday, 17th January, 1986.

31st December, 1985

---

## DIPARTIMENT TAL-KUMMERĊ

### Applikazzjonijiet għal-Liċenzi ta' Importazzjoni

Kif ġie mħabbar fil-*Budget* għall-1986, fuq kull liċenza ta' importazzjoni se jibda jitħallas dritt ta' Lm1.

Biex dan il-ħlas isir bl-inqas inkonvenjenza għas-setturi industrijali u kummerċjali kif ukoll għall-pubbliku in ġenerali, dan il-ħlas l-aħjar isir fil-ħin li tkun qiegħda tiġi sottomessa l-applikazzjoni għal-liċenza lid-Dipartiment tal-Kummerċ billi l-applikant iwaħħal bolla ta' lira li tiġi kkanċellata mill-iskrivan li jkun qed jirċievi l-applikazzjoni.

Il-bolla għandha titwaħħal fir-rokna l-leminija ta' fuq tal-kaxxa Nru. 1 tal-kopja l-bajda ta' l-applikazzjoni.

Dan jibda jseħħ mit-2 ta' Jannar, 1986.

Il-31 ta' Diċembru, 1985

## DEPARTMENT OF TRADE

### Applications for Import Licences

As notified in the 1986 Budget, a fee of Lm1 will be charged for every import licence.

In order to affect this payment with the least possible inconvenience for the industrial and commercial sectors as well as for the general public, it will be better if the said fee be payed to the Department of Trade when the application for the licence is being submitted. The applicant should affix a Lm1 stamp which will be cancelled by the clerk who will be receiving the application.

The stamp must be affixed on the top right hand corner of the enclosed space No. 1 of the white copy of the application form.

This will come into effect from the 2nd January, 1986.

31st December, 1985

## MINISTRY OF FOREIGN AFFAIRS AND CULTURE

### Scholarships

The Royal Netherlands Embassy is offering scholarships to Maltese candidates who wish to follow a course in Rural Extension taking place from 15th June until 12th July, 1986, at the International Agricultural Centre (I.A.C.) at Wageninberg. Due to the short duration of this course, international travel expenses are not included in a possible fellowship.

Further details concerning this course are available for perusal at the Ministry of Foreign Affairs and Culture, Merchants Street, Valletta, and at the Gozo Branch of the Information Division, Victoria, Gozo.

*Application*

The appropriate application forms are obtainable at the above mentioned offices.

Applications for the said scholarships should reach the Ministry of Foreign Affairs and Culture by not later than noon on Monday, 6th January, 1986.

Applications from Government and Parastatal employees will not be considered unless recommended by their Head of Department.

Late applications will not be considered.

31st December, 1985

## KORPORAZZJONI GĦAL ŻVILUPP TA' MALTA

Iċ-*Chairman*, Korporazzjoni għal Żvilupp ta' Malta, jgħarraf illi: —

Sa nofs in-nhar tal-Ħamis, id-9 ta' Jannar, 1986, jintlaqgħu offerti magħluqin għal: —

Avviż Nru. MDC 3269/T2. Xogħlijiet tal-konkos fil-Blokk ta' l-Uffiċċji fil-Fabbrika B 10A, Qasam Industrijali ta' Bulebel.

Avviż Nru. MDC 2984/T5. Bini ta' Ġibjun fil-Fabbrika B 27, (Nigura Ltd), Qasam Industrijali ta' Bulebel.

Avviż Nru. MDC 1779/T2. Xogħlijiet tal-*plumbing* u ta' l-elettriku (Blokk ta' l-Uffiċċji) tal-Fabbrika B 22, Qasam Industrijali ta' Bulebel.

Avviż Nru. MDC 2139/T4. Stallazzjonijiet ta' l-elettriku u tal-*plumbing* fil-Fabbrika A 25 (Mac Manoel Ltd), Qasam Industrijali tal-Marsa.

Avviż Nru. MDC 2240/T3. Xogħlijiet ta' restawr fil-Blokk ta' l-Uffiċċji tal-Fabbrika B 41, Qasam Industrijali ta' Bulebel.

Avviż Nru. MDC 2984/T6. Xogħlijiet addizzjonali fil-Blokk ta' l-Uffiċċji fil-Fabbrika B 27, (Nigura Ltd), Qasam Industrijali ta' Bulebel.

Il-formoli ta' l-offerta u kull tagħrif ieħor jistgħu jinkisbu mid-Dipartiment tas-Servizzi Tekniċi, Korporazzjoni għal Żvilupp ta' Malta, House of Catalunya, Triq Marsamxett, Valletta, f'kull ġurnata tax-xogħol matul il-ħinijiet ta' l-uffiċċju.

Il-31 ta' Diċembru, 1985

## MALTA DEVELOPMENT CORPORATION

The Chairman, Malta Development Corporation, notifies that: —

Sealed tenders will be received up to 12 noon on Thursday, 9th January, 1986, for: —

Advt. No. MDC 3269/T2. Concrete works to Office Block of Factory B 10A, Bulebel Industrial Estate.

Advt. No. MDC 2984/T5. Construction of a Reservoir to Factory B 27, (Nigura Ltd), Bulebel Industrial Estate.

Advt. No. MDC 1779/T2. Plumbing and electrical works (Office Block) of Factory B 22, Bulebel Industrial Estate.

Advt. No. MDC 2139/T4. Electrical and plumbing installations at Factory A 25 (Mac Manoel Ltd), Marsa Industrial Estate.

Advt. No. MDC 2240/T3. Reinstatement works to Office Block of Factory B 41, Bulebel Industrial Estate.

Advt. No. MDC 2984/T6. Additional works to Office Block of Factory B 27, (Nigura Ltd), Bulebel Industrial Estate.

Forms of tender and further information may be obtained from the Technical Services Department, Malta Development Corporation, House of Catalunya, Marsamxetto Road, Valletta, on any working day during office hours.

31st December, 1985

## UFFIĊĊJU TAT-TEŻOR

L-*Accountant General* u Direttur tal-Kuntratti javża illi: —

**Jistgħu jintbagħtu offerti magħluqin sal-10.00 a.m. tal-HAMIS, it-2 ta' Jannar, 1986, għal:—**

Avviż Nru. 670. Provvista ta' farmaċewtiċi Nru. 46 lid-Dipartiment tas-Saħħa.

Avviż Nru. 671. Provvista ta' tagħmir mediku u kirurġiku Nru. 48 lid-Dipartiment tas-Saħħa.

Avviż Nru. 688. Provvista ta' kanen tal-ħadid *ductile, fittings,* valvi u *split collars* lit-Taqsima Ċentrali tal-Provvisti.

Avviż Nru. 689. Provvista ta' boltijiet, *rivets* u viti lit-Taqsima Ċentrali tal-Provvisti.

Avviż Nru. 700. Provvista ta' ikel għall-majjali lid-Dipartiment ta' l-Agrikoltura u Sajd.

Avviż Nru. 701. Provvista ta' għalf tat-tjur lid-Dipartiment ta' l-Agrikoltura u Sajd.

Avviż Nru. 702. Provvista ta' żraben lid-Dipartiment tal-Pulizija.

Avviż Nru. 713. Provvista ta' injezzjonijiet Nru. 7 lid-Dipartiment tas-Saħħa.

Avviż Nru. 714. Provvista ta' *hardware* lit-Taqsima Ċentrali tal-Provvisti.

Avviż Nru. 715. Provvista ta' għalf għall-mogħoż lid-Dipartiment ta' l-Agrikoltura u Sajd.

Avviż Nru. 716. Provvista ta' farmaċewtiċi Nru. 48 lid-Dipartiment tas-Saħħa.

Avviż Nru. 720. Provvista ta' *spare parts* għal gaffa fuq ir-roti *Allis Chalmers* 645M lit-Taqsima tat-Tiswija u Manutenzjoni ta' l-Impjanti, Kalafrana.

Avviż Nru. 723. Provvista ta' għalf għall-flieles lid-Dipartiment ta' l-Agrikoltura u Sajd.

Avviż Nru. 724. Provvista u tqegħid ta' *bituminous waterproofing membrane* fl-Iskola Primarja tal-Bniet taż-Żejtun — Dipartiment ta' l-Edukazzjoni.

Avviż Nru. 741. Provvista ta' oġġetti tad-dar u tal-kċina lid-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni.

Avviż Nru. 744. Bini mill-ġdid ta' Nri. 2-5, Pjazza Sant'Anna, il-Furjana, (3 *units* — 2 ħwienet) — (Stima: Lm9,386) — Dipartiment tax-Xogħlijiet.

**Jistgħu jintbagħtu offerti magħluqin sal-10 a.m. tat-TLIETA, is-7 ta' Jannar, 1986, għal:—**

Avviż Nru. 682. Provvista ta' materjal tat-*terylene* griż lid-Dipartiment tas-Saħħa.

Avviż Nru. 683. Provvista ta' farmaċewtiċi Nru. 44 lid-Dipartiment tas-Saħħa.

Avviż Nru. 690. Provvista ta' nċirajjet lid-Dipartiment tal-Pulizija.

Avviż Nru. 691. Provvista ta' *resuscitation boxes* lid-Dipartiment tas-Saħħa.

Avviż Nru. 692. Provvista ta' *films* għal *Shackman* 7000 *oscilloscope camera* lid-Dipartiment tas-Saħħa.

## THE TREASURY

The Accountant General and Director of Contracts notifies that:—

**Sealed tenders will be received up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 2nd January, 1986, for:—**

Advt. No. 670. Supply of pharmaceuticals No. 46 to the Department of Health.

Advt. No. 671. Supply of medical and surgical equipment No. 48 to the Department of Health.

Advt. No. 688. Supply of ductile iron pipes, fittings, valves and split collars to the Central Supplies Section.

Advt. No. 689. Supply of bolts, rivets and screws to the Central Supplies Section.

Advt. No. 700. Supply of pig feed to the Department of Agriculture and Fisheries.

Advt. No. 701. Supply of poultry feeds to the Department of Agriculture and Fisheries.

Advt. No. 702. Supply of shoes to the Police Department.

Advt. No. 713. Supply of injections No. 7 to the Department of Health.

Advt. No. 714. Supply of hardware to the Central Supplies Section.

Advt. No. 715. Supply of dairy cubes for goats to the Department of Agriculture and Fisheries.

Advt. No. 716. Supply of pharmaceuticals No. 48 to the Department of Health.

Advt. No. 720. Supply of spare parts for Allis Chalmers Wheel Shovel 645M to the Plant Repair and Maintenance Section, Kalafrana.

Advt. No. 723. Supply of broiler feeds to the Department of Agriculture and Fisheries.

Advt. No. 724. Provision and laying of bituminous waterproofing membrane at the Girls' Primary School, Żejtun — Department of Education.

Advt. No. 741. Supply of household and kitchen utensils to the Department of Education.

Advt. No. 744. Reconstruction of Nos. 2-5, St Anne Square, Floriana (3 units — 2 shops) — (Estimate: Lm9,386) — Department of Works.

**Sealed tenders will be received up to 10 a.m. on TUESDAY, 7th January, 1986, for:—**

Advt. No. 682. Supply of grey terylene material to the Department of Health.

Advt. No. 683. Supply of pharmaceuticals No. 44 to the Department of Health.

Advt. No. 690. Supply of raincoats to the Police Department.

Advt. No. 691. Supply of resuscitation boxes to the Department of Health.

Advt. No. 692. Supply of films for Shackman 7000 oscilloscope camera to the Department of Health.

Avviż Nru. 703. Provvista ta' *spare parts* għal *Ex-US Army International Low Loader* lit-Taqsima tat-Tiswija u Manutenzjoni ta' l-Impjanti, Kalafrana.

Avviż Nru. 704. Provvista ta' *spare parts* għal *Fiat Allis FL14* lit-Taqsima tat-Tiswija u Manutenzjoni ta' l-Impjanti, Kalafrana.

Avviż Nru. 705. Provvista ta' *spare parts* għal trakkijiet *Magirus Deutz* lit-Taqsima tat-Tiswija u Manutenzjoni ta' l-Impjanti, Kalafrana.

Avviż Nru. 721. Provvista ta' *spare parts* għal *FMC Crawler Crane* LS338 lit-Taqsima tat-Tiswija u Manutenzjoni ta' l-Impjanti, Kalafrana.

Avviż Nru. 733. *Laundering* għas-*School of Hotel, Catering and Tourism Studies* — Ministeru tat-Turiżmu.

Avviż Nru. 753. Provvista ta' *image intensifier* lid-Dipartiment tas-Saħħa.

**Jistgħu jintbagħtu offerti magħluqin sal-10 a.m. tal-ĦAMIS, id-9 ta' Jannar, 1986, għal:—**

Avviż Nru. 693. Provvista ta' farmaċewtiċi Nru. 43 lid-Dipartiment tas-Saħħa.

Avviż Nru. 694. Provvista ta' farmaċewtiċi Nru. 45 lid-Dipartiment tas-Saħħa.

Avviż Nru. 695. Provvista ta' tagħmir mediku u kirurġiku Nru. 51 lid-Dipartiment tas-Saħħa.

Avviż Nru. 696. Provvista ta' tagħmir mediku u kirurġiku Nru. 55 lid-Dipartiment tas-Saħħa.

Avviż Nru. 706. Provvista ta' farmaċewtiċi Nru. 41 lid-Dipartiment tas-Saħħa.

Avviż Nru. 707. Provvista ta' tagħmir mediku u kirurġiku Nru. 49 lid-Dipartiment tas-Saħħa.

Avviż Nru. 708. Provvista ta' tagħmir mediku u kirurġiku Nru. 58 lid-Dipartiment tas-Saħħa.

Avviż Nru. 709. Provvista ta' *diagnostic reagent strips* Nru. 4 lid-Dipartiment tas-Saħħa.

Avviż Nru. 725. Provvista ta' pompi u aċċessorji ta' taħt l-ilma lid-Dipartiment tax-Xogħlijiet ta' l-Ilma.

Avviż Nru. 726. Stallazzjoni ta' servizzi ta' l-elettriku u mekkaniċi fis-Sala ta' l-Irġiel Nru. 5 fl-Isptar Monte Karmelu (Irid jitħallas dritt ta' 50 ċenteżmu għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta) — Dipartiment tas-Saħħa.

Avviż Nru. 727. Provvista ta' vaċċin Nru. 1 lid-Dipartiment tas-Saħħa.

**Jistgħu jintbagħtu offerti magħluqin sal-10 a.m. tat-TLIETA, l-14 ta' Jannar, 1986, għal:—**

Avviż Nru. 717. Provvista ta' *animal blood* għal użu batterjoloġiku lid-Dipartiment tas-Saħħa.

Avviż Nru. 728. Provvista ta' *case note trolleys* lid-Dipartiment tas-Saħħa.

Avviż Nru. 729. Provvista ta' valvi ta' l-ilma lit-Taqsima Ċentrali tal-Provvisti.

Avviż Nru. 730. Provvista ta' *listing calculating machines* lit-Taqsima Ċentrali tal-Provvisti.

Advt. No. 703. Supply of spare parts for Ex-US Army International Low Loader to the Plant Repair and Maintenance Section, Kalafrana.

Advt. No. 704. Supply of spare parts for Fiat Allis FL14 to the Plant Repair and Maintenance Section, Kalafrana.

Advt. No. 705. Supply of spare parts for Magirus Deutz trucks to the Plant Repair and Maintenance Section, Kalafrana.

Advt. No. 721. Supply of spare parts for FMC Crawler Crane LS338 to the Plant Repair and Maintenance Section, Kalafrana.

Advt. No. 733. Laundering for the School of Hotel, Catering and Tourism Studies — Ministry of Tourism.

Advt. No. 753. Supply of an image intensifier to the Department of Health.

**Sealed tenders will be received up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 9th January, 1986, for:—**

Advt. No. 693. Supply of pharmaceuticals No. 43 to the Department of Health.

Advt. No. 694. Supply of pharmaceuticals No. 45 to the Department of Health.

Advt. No. 695. Supply of medical and surgical equipment No. 51 to the Department of Health.

Advt. No. 696. Supply of medical and surgical equipment No. 55 to the Department of Health.

Advt. No. 706. Supply of pharmaceuticals No. 41 to the Department of Health.

Advt. No. 707. Supply of medical and surgical equipment No. 49 to the Department of Health.

Advt. No. 708. Supply of medical and surgical equipment No. 58 to the Department of Health.

Advt. No. 709. Supply of diagnostic reagent strips No. 4 to the Department of Health.

Advt. No. 725. Supply of submersible pumps and accessories to the Water Works Department.

Advt. No. 726. Installation of electrical and mechanical services at Male Ward 5, Mount Carmel Hospital (A fee of 50 cents will be charged for each copy of tender document) — Department of Health.

Advt. No. 727. Supply of vaccine No. 1 to the Department of Health.

**Sealed tenders will be received up to 10 a.m. on TUESDAY, 14th January, 1986, for:—**

Advt. No. 717. Supply of animal blood for bacteriological use to the Department of Health.

Advt. No. 728. Supply of case note trolleys to the Department of Health.

Advt. No. 729. Supply of water valves to the Central Supplies Section.

Advt. No. 730. Supply of listing calculating machines to the Central Supplies Section.

Avviż Nru. 734. Provvista ta' frott u ħxejjex (Malta) lid-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni.

Avviż Nru. 735. Provvista ta' *polythene tubing* għal tibdil f'boroż tal-plastika lid-Dipartiment tas-Servizzi Soċjali.

Avviż Nru. 736. Stampar u numerazzjoni ta' Passaporti Maltin — Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin.

**Jistgħu jintbagħtu offerti magħluqin sal-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, is-16 ta' Jannar, 1986, għal:—**

Avviż Nru. 737. Provvista ta' karta *ruled ledger* lit-Taqsima tat-Tagħrif.

Avviż Nru. 742. Bini ta' *annex* għall-Fabbrika HF9/HF10 fil-Qasam Industrijali ta' Ħal Far (Stima: Lm18,687) — Korporazzjoni għal Żvilupp ta' Malta (Irid jitħallas dritt ta' Lm1 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta).

Avviż Nru. 743. Bini ta' estensjoni għall-Fabbrika A49 fil-Qasam Industrijali tal-Marsa (Stima: Lm9,776) — Korporazzjoni għal Żvilupp ta' Malta (Irid jitħallas dritt ta' Lm1 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta).

**Jistgħu jintbagħtu offerti magħluqin sal-10 a.m. tat-TLIETA, l-21 ta' Jannar, 1986, għal:—**

Avviż Nru. 731. Provvista ta' platti fondi lid-Dipartiment tas-Saħħa.

Avviż Nru. 732. Provvista ta' tagħmir mediku u kirurġiku Nru. 53 lid-Dipartiment tas-Saħħa.

Avviż Nru. 738. Provvista ta' katusi tal-*PVC* u *fittings* lit-Taqsima Ċentrali tal-Provvisti.

Avviż Nru. 739. Provvista ta' katusi ta' l-*asbestos cement* u *fittings* lit-Taqsima Ċentrali tal-Provvisti.

Avviż Nru. 745. Provvista ta' żraben (1986) lit-Taqsima Ċentrali tal-Provvisti.

Avviż Nru. 746. Provvista ta' aċċessorji ta' l-elettriku (Nru. 3) lit-Taqsima Ċentrali tal-Provvisti.

Avviż Nru. 747. Provvista ta' oġġetti għat-tindif lit-Taqsima Ċentrali tal-Provvisti.

Avviż Nru. 748. Provvista u stallazzjoni ta' *feeder cable* għad-dipartiment tal-*blood transfusion*, Sptar San Luqa — Dipartiment tas-Saħħa.

Avviż Nru. 754. Provvista ta' deterġent *one shot* lid-Dipartiment tas-Saħħa.

**Jistgħu jintbagħtu offerti magħluqin sal-10.00 a.m. tat-TLIETA, it-28 ta' Jannar, 1986, għal:—**

Avviż Nru. 740. Provvista ta' tagħmir *disposable* Nru. 6 lid-Dipartiment tas-Saħħa.

Avviż Nru. 755. Provvista ta' *bituminous super penetrating primer* u *bituminous waterproofing emulsion* lit-Taqsima Ċentrali tal-Provvisti.

Avviż Nru. 756. Provvista ta' *ankle boots* lid-Dipartiment tal-Pulizija.

Avviż Nru. 757. Provvista ta' imtieraħ u mħaded lid-Dipartiment tal-Pulizija.

Advt. No. 734. Supply of fruit and vegetables (Malta) to the Department of Health.

Advt. No. 735. Supply of polythene tubing for conversion into plastic bags to the Department of Social Services.

Advt No. 736. Printing and numbering of Maltese Passports — Ministry of Foreign Affairs.

**Sealed tenders will be received up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 16th January, 1986, for:—**

Advt. No. 737. Supply of ruled ledger paper to the Information Division.

Advt. No. 742. Construction of an annex to Factory HF9/HF10 at Ħal Far Industrial Estate (Estimate: Lm18,687) — Malta Development Corporation (A fee of Lm1 will be charged for each copy of tender document).

Advt. No. 743. Construction of an extension to Factory A49 at Marsa Industrial Estate (Estimate: Lm9,776) — Malta Development Corporation (A fee of Lm1 will be charged for each copy of tender document).

**Sealed tenders will be received up to 10 a.m. on TUESDAY, 21st January, 1986, for:—**

Advt. No. 731. Supply of deep plates to the Department of Health.

Advt. No. 732. Supply of medical and surgical equipment No. 53 to the Department of Health.

Advt. No. 738. Supply of PVC pipes and fittings to the Central Supplies Section.

Advt. No. 739. Supply of asbestos cement pipes and fittings to the Central Supplies Section.

Advt. No. 745. Supply of walking shoes (1986) to the Central Supplies Section.

Advt. No. 746. Supply of electrical accessories (No. 3) to the Central Supplies Section.

Advt. No. 747. Supply of cleansing articles to the Central Supplies Section.

Advt. No. 748. Supply and installation of feeder cable for the blood transfusion department, St Luke's Hospital — Department of Health.

Advt. No. 754. Supply of one shot detergent to the Department of Health.

**Sealed tenders will be received up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 28th January, 1986, for:—**

Advt. No. 740. Supply of disposable equipment No. 6 to the Department of Health.

Advt. No. 755. Supply of bituminous super penetrating primer and bituminous waterproofing emulsion to the Central Supplies Section.

Advt. No. 756. Supply of ankle boots to the Police Department.

Advt. No. 757. Supply of mattresses and pillows to the Police Department.

Avviż Nru. 758. Provvista ta' qomos tas-sajf lid-Dipartiment tal-Pulizija.

**Jistgħu jintbagħtu offerti magħluqin sal-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, it-30 ta' Jannar, 1986, għal:—**

Avviż Nru. 759. Provvista ta' *stopvalves* u *fittings* ta' l-ilma lit-Taqsima Ċentrali tal-Provvisti.

Avviż Nru. 760. Provvista ta' *close control airconditioning system* lit-Taqsima tat-Tagħrif.

**Jistgħu jintbagħtu offerti magħluqin sal-10.00 a.m. tat-TLIETA, l-4 ta' Frar, 1986, għal:—**

Avviż Nru. 749. Provvista ta' materjal għall-purtieri lid-Dipartiment tas-Saħħa.

Avviż Nru. 750. Provvista ta' tagħmir mediku u kirurġiku Nru. 59 lid-Dipartiment tas-Saħħa.

Avviż Nru. 751. Provvista ta' tagħmir mediku u kirurġiku Nru. 56 lid-Dipartiment tas-Saħħa.

Avviż Nru. 752. Provvista ta' *kits* għal *Hepatitis (B) Surface Antigen* lid-Dipartiment tas-Saħħa.

**Jistgħu jintbagħtu offerti magħluqin sal-10.00 a.m. tat-TLIETA, il-11 ta' Frar, 1986, għal:—**

Avviż Nru. 761. Provvista ta' gvieret lid-Dipartiment tal-Pulizija.

Avviż Nru. 762. Provvista ta' mustardini Nru. 4 lid-Dipartiment tas-Saħħa.

Avviż Nru. 763. Provvista ta' żejt tal-makna għal-*patrol boats* lit-Task Force.

Avviż Nru. 764. Provvista ta' tagħmir għal għaddasa lit-Task Force.

L-offerti għandhom isiru biss fuq il-formola preskritta li, flimkien mal-kondizzjonijiet u dokumenti oħra rilevanti jistgħu jinkisbu mill-Uffiċċju tat-Teżor, il-Furjana, f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u nofs in-nhar.

Il-31 ta' Diċembru, 1985

Advt. No. 758. Supply of summer shirts to the Police Department.

**Sealed tenders will be received up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 30th January, 1986, for:—**

Advt. No. 759. Supply of stopvalves and water fittings to the Central Supplies Section.

Advt. No. 760. Supply of a close control airconditioning system to the Information Division.

**Sealed tenders will be received up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 4th February, 1986, for:—**

Advt. No. 749. Supply of material for curtains to the Department of Health.

Advt. No. 750. Supply of medical and surgical equipment No. 59 to the Department of Health.

Advt. No. 751. Supply of medical and surgical equipment No. 56 to the Department of Health.

Advt. No. 752. Supply of kits for the detection of Hepatitis (B) Surface Antigen to the Department of Health.

**Sealed tenders will be received up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 11th February, 1986, for:—**

Advt. No. 761. Supply of blankets to the Police Department.

Advt. No. 762. Supply of tablets No. 4 to the Department of Health.

Advt. No. 763. Supply of engine oil for patrol boats to the Task Force.

Advt. No. 764. Supply of diving equipment to Task Force.

Tenders should be made only on the prescribed form, which together with the relevant conditions and other documents are obtainable on application at the Treasury, Floriana, on any working day between 8.30 a.m. and noon.

31st December, 1985

* * *

## AVVIŻI TAT-TEŻOR

Sal-10.00 a.m. ta' nhar il-ĦAMIS, it-2 ta' Jannar, 1986, l-*Accountant General* u Direttur tal-Kuntratti, It-Teżor, il-Furjana, jilqa' kwotazzjonijiet magħluqin għal:—

Kwot. Nru. 34/85. Provvista ta' komponenti elettroniċi lid-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni.

Il-formoli tal-kwotazzjoni jistgħu jinkisbu mid-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni, Taqsima tal-Provvisti (Kamra Nru. 34), Lascaris, Valletta, f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u nofs in-nhar.

Il-31 ta' Diċembru, 1985

## TREASURY NOTICES

Sealed quotations will be received by the Accountant General and Director of Contracts, The Treasury, Floriana, up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 2nd January, 1986, for:—

Quot. No. 34/85. Supply of electronic components to the Department of Education.

Quotation forms may be obtained from the Department of Education, Supplies Branch (Room No. 34), Lascaris, Valletta, on any working day between 8.30 a.m. and noon.

31st December, 1985

Sal-10.00 a.m. ta' nhar it-TLIETA, l-14 ta' Jannar, 1986, l-*Accountant General* u Direttur tal-Kuntratti, It-Teżor, il-Furjana, jilqa' kwotazzjonijiet magħluqin għal:—

Kwot. Nru. 37/85. Provvista ta' *transformer* lit-Taqsima Mekkanika u ta' l-Elettriku.

Il-formoli tal-kwotazzjoni jistgħu jinkisbu mit-Taqsima Mekkanika u ta' l-Elettriku, Uffiċċju tal-Prim Ministru, Berġa ta' Kastilja, Valletta, matul il-ħinijiet normali ta' l-uffiċċju.

Il-31 ta' Diċembru, 1985

* * *

Sal-10.00 a.m. ta' nhar il-ĦAMIS, is-16 ta' Jannar, 1986, l-*Accountant General* u Direttur tal-Kuntratti, It-Teżor, il-Furjana, jilqa' kwotazzjonijiet magħluqin għal:—

Kwot. Nru. 36/85. Provvista ta' *C-peptide radio immuno assay (RIA) kits* lid-Dipartiment tas-Saħħa.

Il-formoli tal-kwotazzjoni jistgħu jinkisbu mid-Dipartiment tas-Saħħa, Taqsima tal-*Medical Stores,* Guardamangia, matul il-ħinijiet normali ta' l-uffiċċju.

Il-31 ta' Diċembru, 1985

KALAFRANA CONSTRUCTION CO. LTD.

**Taqsima tat-Tiswija u tal-Manutenzjoni ta' Impjanti — Il-Proġett tal-Port ta' Marsaxlokk**

Il-*Manager,* Taqsima tat-Tiswija u tal-Manutenzjoni ta' Impjanti, il-Proġett tal-Port ta' Marsaxlokk, Kalafrana, igħarraf illi sal-10.00 a.m. ta' nhar l-Erbgħa, it-8 ta' Jannar, 1986, fil-Kaxxa ta' l-Offerti fl-Uffiċċju tal-Ħanut Prinċipali tax-Xogħol tat-Taqsima tat-Tiswija u tal-Manutenzjoni ta' Impjanti, Kalafrana, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:—

Avviż Nru. PRS 58/85. Provvista ta' *Spare Parts* għal Atlas Capco ROC 601.

